VALLETTA
*Città Umilissima*

# Rapport ta' ħidma tas-Sindku Alfred Zammit għas-sena 2020

Is-sena 2020 kienet sena li fiha id-dinja għaddiet minn pandemija u li minħabba f'hekk kellhom jinbidlu ħafmna affarijiet u il-poplu kellu jadatta għas-sitwazzjoni li spiċċa fiha. Minkejja dan kollu, is-sindku, flimkien mal-kunsill, irnexxielu jilħaq diversi għanijiet fil-Belt Valletta.

**Community Policing**

F'Mejju 2020, il-Sindku kellu laqgħa mal-Pulizija tad-distrett, fejn ġiet imnedija il-Community Policing. Rappreżentanti tal-Community Policing jatendu il-laqgħat tal-kunsill biex iżommu lil dan aġġornat fuq xinhu jiġri. Dan il-proġett intlaqa tajjeb ħafna mir-residenti għaliex issa iħossuhom iktar siguri.

**Tindif**

Minkejja li saru diversi taħdidiet ma' l-Hon Dr Deo Debattista u anke ma Direttur Ġenerali tal-Cleansing Ramon Deguara biex il-knis jieħdu taħt responsabilita' tiegħu ma intlaħaqx ftehim mal-Public Cleansing biex jibda isir ix-xogħol minnhom, il-kuntratt tal-knis fil-Belt Valletta ġie imġedded għal-sitt xhur sakemm tinstab soluzzjoni.

**Dawl fil-Belt**

Fil-bidu tas-sena, sar eżerċizzju mill-Go, Melita, Enemalta u kif ukoll l-għaqdiet tal-Festi sabiex jitneħħew wires li qedgħin mal-ħitan bla bżonn. Is-sindku kellu numru ma' laqgħat forsthom mas-sur Agius Decelis tal-GHRC, ma CEO Jason Vella, ma Gino Cauchi, mal-Perm Sec Sur Anthony Gatt u ma Uffiċċjali tal-Enemalta fejn tkellmnu dwar il-problema ta' dawl fil-Belt Valletta. Minħabba li diversi entitajiet huma responsabbli tad-dawl fil-Belt Valletta sar qbil li l-Enemalta tagħmel stock take tal-entitajiet kollu u tkun responsabbli tad-dawl kollu. Fi Triq San Pawl Saru xi dawl LED's li inlaqaw tajjeb ħafna mir-residenti. F'Novembru, is-sindku ġie nfurmat mill-Enemalta u GHRC li ser issir Sistema ta' dawl ġdida fir-Ring Road u fi Triq ir-Repubblika.

**Għajnuna**

Il-kunsill għadda sett ta' ċwievet tal-Bollards ta' Triq Mikiel Anton Vassalli lil persuna li kellha marda terminali sabiex tkun tista tidħol l-Ambulanza ħdejn id-dar. Din il-persuna sarilha ukoll reserved parking bay, ħdejn l-Osborne hotel, li tneħħa meta il-persuna ħalliet din id-dinja. Wara li il-Komunita Karmelitana tablet għajnuna ta' 1000$ il-Kunsill sab sponsorship mis-Sur Victor Spiteri.

**Parking**

Wara laqgħa li is-Sindku kellu ma Transport Malta intlaħaq ftehim biex il-parkeġġ ta' Triq il-Mediterran isir iktar favur ir-residenti. Il-Gwardjani Lokali ġew infurmati biex jagħlqu ftit għajnejhom fuq il-parkeġġ fi Triq il-Mediterran peress li kein qed isir xi xogħol fi Triq l-Ilvant. Ġie organiżżat il-Parkeġġ ta' faċċata ta' House of Catalunya. Waqt laqgħa li il-kunsill kellu mal-Community Policing, saret proposta biex il-parkings il-blu isiru bojod jew ħodor. Il-direzzjoni tat-Traffiku ta' ħdejn Hastings ġiet imdawra biex il-ħruġ ikun minn South Street. Il-parkeġġi taż-żona tal-Flores Building, kif ukoll tul is-Sur ta' Santa Barbara u il-biċċa tal-Victoria Gate saru kollha ħodor għal-kunvinjenza tar-residenti.

**Public Conveniences**

Peress li il-Kunsill irċieva diversi ilmenti fuq in-nuqqas ta' indafa fil-Public Conveniences taħt ir-responnsabilita ta' Julian Muscat, dan intbagħtulu żewġ default notices dwar l-istat li jinsabu fih. Saret ukoll laqgħa miegħu fuq l-arranġament li għandu mal-kunsill fejn ġie issuġerit li il-Kunsill joħodhom lura bi ħlas ta' 10,000$ sabiex il-Kuntrattur ikopri l-ispejjeż, pero il-Kunsill ma wasalx għal konklużżjoni. Is-sindku bagħat ittra bl-avukat lil kuntrattur tal-public conveniences sabiex dan itih risposta. Waqt laqgħa mal-Ministru Julian Farrugia intalbet l-għajnuna tal-MTA sabiex jiġu restawrati il-Public Conveniences fil-Belt Valletta.

**Water Polo Pitch**

Wara li saru xi rapport fil-media dwar xi abbużi li qed isiru fil-binja tal-Valletta Water Polo, intbagħet ittra lil-Kumitat ta' dan sabiex il-propjeta tingħalaq. F'settembru saret laqgħa mal-investituri tal-Valletta water polo pitch fejn dawn taw informazzjoni ta' kif ser isir ix-xogħol u dwar clearances li hemm bżonn.

**Covid-19**

Hekk kif bdiet il-pandemija tal-Covid-19 f'Marzu tas-sena 2020, l-attivitajiet kollha ta' Jum il-Belt u attivitajiet oħra li kienu pjanati tħassru. Ir-restaurant Gracey Brasserie offra biex jagħti ikel b'xejn lil resident li jinsabu fil-bżonn. F'Ġunju meta ħarġu ir-regolamenti tar-restaurants, numru ta' ristorante fil-Belt Valletta saqsew biex ikollhom imwejjed barra. Ġie deċiż li dawn jiġu ikkonsidrati kull każ individwali. Hemm pjanat li fis-sena 2021, la darba tispiċċa il-pandemija, is-sindku flimkien mal-Minority Leader jiftħu il-fond ta' CSR biex isiru xi proġetti fiż-żoni residenzjali u tingħata għajnuna lil persuni fil-bżonn.

**Attivitajiet**

Qabel ma bdiet il-pandemija tal-Covid-19 ken hemm diskussjonijiet mal-Marsevin fejn intaħaq qbil li dawn iħallsu 7000$ għall-użu tal-Ġnien ta' Hastings. Peress li fis-sena 2021 id-Dumnikani jiċċelebraw iċ-ċentinarju, is-sindku propona li issir pjazzetta b'bust ta' San Domenico u xi bankijiet u tissemma San Domenico.

Għal Jum il-Belt tas-sena 2020, kien hemm numru ta' pjanijiet li kellhom jitħassru kollha minħabba il-Covid-19. Fost dawn kien hemm quddiesa mil-Vigarju tal-Isqof fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, kuncert mill-Band ta' Mark Spiteri Lucas u riċeviment fil-binja tal-MUŻA. Ġieħ il-Belt kellu jingħata lil Victor Spiteri.

Fis-17 ta' Mejju 2020, waqt iż-żjara tal-President Dr. George Vella, kellhom isiru parti mill-Festeġġamenti ta' Jum il-Belt, inkluż l-għotja ta' Ġieħ il-Belt u xi rikonoxxomenti oħra. Dan ma seħħx peress li l-affarijiet ma ġewx lura għan-normal.

**Finanżi**

F'Jannar il-ħaddiema kollha tal-Kunsill Lokali ħadu il-performance tagħhom. Ma kien hemm l-ebda tibdil fil-pagi. Minħabba nuqqas ta' fondi ġie deċiż li il-kunsill iwaqqaf il-flus li kien qed jagħti lit-Teen Club. Is-sindku kellu laqgħat maċ-Chief of Staff tal-Ministru tal-Finanzi u iktar tard mal-Ministru Herrera dwar ik-fatt li l-fondi allokati lil Belt Valletta mhumiex biżżejjed.

VALLETTA
*Città Umilissima*

**Proġett tal-Bankini**

Il-proġett tal-bankini miexi u saret applikazzjoni sabiex dawn isiru b'materjal differenti tal-qawwi li nġab minn Sqallija. Mal-bankini oriġinarjament pjanati żdiedu ukoll Triq Sant' Ursola u Triq l-Ilvant. Saru diskussjonijiet mal-Perit biex isir xi xogħolijiet fi Triq ta' l-Iskola, fejn inagħtaw stima ta' 40,000$ li intalbu bħala għajnuna minn Restoration Unit u il-Perit Norbert Gatt.

**Proġett tal-Klinika fil-Binja tal-Kunsill**

Is-sindku kellu laqgħa dwar il-Klinika mal-istakeholders kollha involuti. Matul is-sena saru diversi on-site visits bejn il-Health Department u ir-Restoraion unit sabiex ikun jista jitkompla ix-xogħol fuq il-Klinika. Is-sindku informa li qed jagħmel pressjoni sabiex ix-xogħol fuq il-Clinic jitlesta malajr u li ser jeżiġi li ikun hawn ambulanza mal-Klinika speċjalment fix-xhur tas-Sajf

**Proġetti ta' sbuħija**

Is-sindku attenda laqgħa dwar il-proġett ta' l-Urban Greening Phase 2 sabiex ikompli isebbaħ iż-żoni residenzjali tal-Belt Valletta. Saret laqgħa mal-Onor Julia Farrugia dwar is-Sur ta' Santa Barbara u fuq proġetti oħra ta' sbuħija li jistghu isiru fil-Belt Valletta. Inħadmu tlitt arbli biex jitpoġġew fi Pjazza l-Assedju. Dawn ser ikollhom il-bnadar ta' Citta Umilissima, ta' Malta u tal-Ewropa. Is-sindku wera interess li isir Green Wall fil-Belt Valletta, u li għalih bagħat għal quotations u li jekk l-ispiża hija wisq kbira ser jitlob għall-għajnuna tal-Ministru Aaron Farrugia.

**Konklużżjoni**

Minkejja il-fatt li is-sena 2020 kienet kif kienet u il-pandemija tal-Covid-19 ħassret diversi pjanijiet, is-sindku tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta laħaq numru ta' għanijiet għal-ġid tal-lokalita.